32006D0196

L 70/80 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 9.3.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-3 ta' Marzu 2006

## li temenda l-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-ħut, il-laħam u l-ħalib fil-Polonja

*(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 609)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2006/196/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polanja, is-Slovenja u s-Slovakkja, u b'mod partikolari l-Anness XII, Kapitolu 6, Sezzjoni B, Subsezzjoni I(1), paragrafu (e) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Polonja ngħatat perjodi tranzitorji għal ċerti stabbilimenti elenkati fl-Appendiċi B ([1]) ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

(2) L-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' Adeżjoni 2003 ġie emendat mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2004/458/KE ([2]), 2004/471/KE ([3]), 2004/474/KE ([4]), 2005/271/KE ([5]), 2005/591/KE ([6]), 2005/854/KE ([7]) and 2006/14/KE ([8])

(3) Skond dikjarazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti Pollakka ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-ħut, laħam u ħalib spiċċaw il-proċess tagħhom ta' titjib u issa jinstabu f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità. Barra minn hekk, ċerti stabbilimenti temmew l-attivitajiet tagħhom. Dawk l-istabbilimenti għandhom għalhekk jitneħħew mil-lista ta' stabbilimenti li qegħdin fi tranżizzjoni.

(4) L-Appendiċi B ta' l-Anness XII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(5) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali ġie infurmat bil-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-istabbilimenti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni tneħħew mill-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2006

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU C 227 E, 23.9.2003, p. 1392.
([2]) ĠU L 156, 30.4.2004, p. 53; verżjoni kkoreġġuta fil-ĠU L 202, 7.6.2004, p. 39.
([3]) ĠU L 160, 30.4.2004, p. 56; verżjoni kkoreġġuta fil-ĠU L 212, 12.6.2004, p. 31.
([4]) ĠU L 160, 30.4.2004, p. 73; verżjoni kkoreġġuta fil-ĠU L 212, 12.6.2004, p. 44.
([5]) ĠU L 86, 5.4.2005, p. 13.
([6]) ĠU L 200, 30.7.2005, p. 96.
([7]) ĠU L 316, 2.12.2005, p. 17.
([8]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 66.

*ANNESS*

## Lista ta' stabbilimenti li għandhom jitneħħew mill-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003

### Stabbilimenti tal-laħam

*Lista inizjali*

| Nru | Nru Veterinarju | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 35. | 08040206 | AGROMAS Sp. z o.o. |
| 71. | 12160208 | Wojnickie Zakłady Mięsne "MEAT COMPANY" |
| 99. | 14370101 | Ubojnia Trzody i Bydła "WILPOL" |
| 155. | 24610323 | "Basco" s.c. |
| 181. | 24170301 | Zakład Przetwórstwa Mięsnego B.Wisniewska |
| 186. | 26040209 | "Wir" Szproch I Przetwórstwo Mięsa SJ. |
| 209. | 30090103 | Firma Handlowo Usługowa — Andrzej Mejsner |
| 239. | 30280102 | PHU ROMEX Graźyna Pachela, Ubojnia Bydła |
| 243. | 30290201 | Rzeźnictwo Kujawa, Maik s.j. |
| 246. | 30300112 | Ubój Trzody Mariusz Marciniak |

### Laħam tat-tjur ta' l-irziezet

*Lista inizjali*

| Nru | Nru Veterinarju | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 31. | 18630501 | Jedynka Spółka z o.o. Zakład Produkcyjny |
| 34. | 24610602 | Szerwal 2000 Sp. z o.o. |

### Settur tal-ħalib

*Lista inizjali*

| Nru | Nru Veterinarju | Isem l-istabbiliment |
|---|---|---|
| 57. | 20111601 | OSM Dąbrowa Białostocka |
| 66. | 24781601 | OSM w Zabrzu |
| 68. | 24061602 | OSM Krzepice |
| 74. | 24161602 | OSM "Rokitnianka" w Szczekocinach |
| 101. | 30151601 | OSM "Top-Tomyśl" |
| 103. | 30201601 | OSM Kowalew — Dobrzyca Zakład Kowalew |
| 107. | 30231601 | SM Udziałowców |
| 110. | 30281601 | ZPM "Mlecz" Wolsztyn, Oddział Damasławek |
| 111. | 30301601 | SM Września |